**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Gunju 2021**

**Rikors nru: 109/2020 AGV**

**AB**

**vs.**

**i. CD gja B (K.I. Nru: 0304885M)**

**ii. Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-minuri EB**

iii. **Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess illi jista' jkollu**

**Il-Qorti rat ir-rikors Guramentat** ta' AB fejn espona bir-rispett u bil-gurament tieghu ikkonferma illi:

1) Illi l-partijiet izzewgu nhar il-14 ta' Gunju 2014 u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

2) Illi l-partijiet kienu sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Josef Masini Vento fit-2 ta' Mejju 2019.

3) Illi fit-28 ta' Gunju 2019, l-intimata, CD, weldet tarbija,EB, kif jidher mill-anness certifikat **(DOK A)**. Illi l-imsemmi tifel EB twieled minn relazzjoni extra-maritali u ghalhekk l-imsemmi wild m'huwiex il-wild naturali tal-esponent.

4) Illi l-esponent u l-intimata CD waqqfu jghixu flimkien fl-14 ta' Marzu 2018 kif jirrizulta wkoll f' dikjarazzjoni f' dan is-sens fis-separazzjoni taghhom u fil-fatt fit-23 ta' Marzu 2018 giet prezentata procedura ta' Medjazzjoni (numru 374/18TC) mill-esponent. Illi l-esponent u l-intimata CD qatt ma ghamru flimkien wara dakinhar.

5) Illi l-esponent kien ftiehem mal-intimata CD illi hija kellha tressaq proceduri hija stess skont kif mahsub fl-Artikolu 280 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta izda sa fejn jifhem l-esponent dawn il-proceduri ma sarux.

6) Illi permezz tar-rikors tal-14 ta' Mejju 2020, l-esponent talab illi l-Qorti taghtih l-permess illi jipprocedi b'din il-kawza a tenur tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Qorti laqghet din it-talba permezz ta' digriet tal-25 ta' Gunju 2020 (**DOK B**);

7) Illi kontestwalment ma dan ir-rikors guramentat l-esponent qieghed jipprezenta rikors sabiex jigu mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri EB fl-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi:-

1) tiddeciedi u tiddikjara illi l-esponent, AB, m'huwiex il-missier naturali ta'EB u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u konsegwentement;

2) tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq l-att tat-twelid ta' EB kull referenza ghall-esponent, Wilson Mifsud, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-esponent u jekk l-istess missier tal-esponent huwiex haj jew mejjet, l-eta' tal-esponent u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-esponent u li jidher mill-att tat-twelid citat, u dan *previa* kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez, komprizi ukoll dawk tal-atti tar-rikors generali numru 123/20 ghall-awtorizzazjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta ta' CD datata 20 ta' Awwissu 2020 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat illi:-**

Illi preliminarjament hija qed taghti ruhha b'notifikata ghar-rikors guramentat ta' AB, datat 29 ta' Lulju 2020.

Illi l-esponenti qed taqbel mal-fatti kif iddikjarati mill-attur fir-rikors tieghu.

Illi l-esponenti mhux topponi ghal ewwel talba tal-attur u cioe' li mhux il-missier naturali tal-minuri, kif ser jirrizulta mit-testijiet tad-DNA.

Illi l-esponenti mhux toggezzjona li l-konvenut Direttur Registru Pubbliku jhejji l-korrezzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid.

Illi finalment l-esponenti qed topponi ghal ispejjez tal-proceduri odjerni, stante li hija dejjem ikkollaborat u effettivament hi qatt ma riedet li binha minuri jigi registrat fuq zewgha l-attur. Tant li hi u l-missier naturali tal-minuri kienu anka inkarigaw avukat ghal dan il-ghan u gew ukoll istitwiti proceduri ad hoc, ta' medjazzjoni, dwar l-istess minuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datat 16 ta' Settembru 2020 fejn eccepixxa s-segwenti:-**

Illi in linea preliminari l-esponenti qed jassumi illi din il-kawza giet intavolata ai termini tal-Artikolu 70 sub inciz (1) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-kawza si tratta propju ta' denegata' paternita'.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jistqarr li hu mhux edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat.

Illi r-rikorrenti jehtieglu primarjament jipprova u jissodisfa minn tal-anqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 70 sub inciz ( 1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal tali fini, l-esponenti umilment jitlob lil din il-Onorabbli Qorti, tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghal testijiet genetici kif pprovdut fl-artikolu 70 , sub inciz (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tigi vverifikata l-allegazzjoni tar-rikorrenti li u mhux il-missier bijologiku tal-minuri EB . F' tali cirkostanzi, l-esponenti stante li hu ma ghandux x' jaqsam mal-element tal-kawza istanti, jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri Dean Mifsud.

Illi finalment, u dejjem bla pregudizzju ghas-surriferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhix attriwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi assoggettat ghal ispejjez tal-kawza istanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti rat ir-Risposta Guramentata ta' FG datata 22 ta' Frar 2021 fejn eccepixxa s-segwenti:-**

1.Illi huwa m'ghandux oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti salv li l-esponenti ghandu jigi ddikjarat li huwa misser naturali tal-minuri E u dan wara li jsiru testijiet tad-DNA u dana anke stante li:-

I.L-espoenenti iltaqa' mal-konvenuta CD gja'  B  xi tlett snin ilu u wara xahar bdew jghixu flimkien u dejjem ghexu flimkien sakemm it-tifel E kellu xahar hija telqet id-dar u marret toqghod ghand il-genituri taghha. Ghamilna zmien anka norqdu ghand il-genituri taghha.

II. Meta telqet mid-dar jien kont immur nara lit-tifel kuljum ghand ommha u ghamilt tmien xhur hekk izda wara hija ma riditx li jien nara it-tifel.

III. Ir-ritratt li qed nesebixxi kont hadthom meta it-tifel kellu xi sena u tlett xhur dejjem ghaddejtilha manteniment ta'  300 Ewro fix-xahar, u kont tajtha 4000 Ewro meta kellna it-tifel biex tixtrihom bzonnijiet ghat-tifel. Issa l-manteniment qed niddepozitah  f' kont li ftaht f' isem it-tifel.

IV. Illi l-esponenti peress li huwa jahdem bit-trasport barra minn Malta, l-esponenti  l-konvenuta, kienet marret ghand l-avukat taghha ta'  dak iz-zmien Dr. Edward Gatt u fethet procedura ta' medazzjoni dwar it-tifel u konna qbilna li hija jkollha kura u l-kustodja tal-minuri ghal meta nkun imsiefer biss u mhux anka meta jien inkun Malta. Jien xoghol hmistax Malta u hmistax barra – Dok RM 3, li huwa affidavit li ghamlet CD gja'  B u l-esponenti.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez li huwa ma jahti xejn ghalihom stante li hija l-konvenuta stess li dejjem rrifjutat li l-minuri tnehhieh minn fuq isem ir-ragel taghha u taghmlu fuq l-esponenti.

**FATTI**

Permezz ta’ din il-kawza, l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li hu mhuwiex il-missier naturali tal-minuri EB li twieled ftit wara li hu kien issepara minn mal-konvenuta CD wara cirka hames snin zwieg. L-attur jikkontendi li l-minuri mhuwiex wild tieghu, u ghalhekk jrid jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. Waqt is-smigh tal-kawza, il-konvenut FG talab li jigi kjamat in kawza, peress illi qed jinsisti li hu l-missier naturali tal-minuri. Il-Qorti kienet erronjament laqghet it-talba tieghu, minkejja li terz ma jistax jitlob li jikkjama lilu nnifsu f’kawza, izda semmaj jitlob li jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.* Gialadarba t-talba kienet intlaqghet, il-Qorti trid tittrattah bhala parti fil-kawza, bhala konvenut.

Dr.Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport taghha fejn, wara li hadet il-kampjuni orali ta’ CD, EB u AB sabiex taghmel it-testijiet tad-DNA, irrizultalha li l-missier naturali ta’ EB mhuwiex AB.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

L-attur ipprezenta l-kawza ta’ denegata paternita’ u dan wara li l-konvenuta CD, kienet welldet lil E fit-28 ta’ Gunju. 2019. It-tifel igib kunjomu pero’ hu u l-konvenuta CD kienu sseparaw fit-2 ta’ Mejju, 2019 permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Josef Masini Vento u oltre minn hekk kienu ilhom ighixu separati mill-14 ta’ Marzu, 2018. Dan huwa kollu kkonfermat fil-kuntratt ta’ separazzjoni u ghalhekk hemm provi sufficjenti li ma kienux jabitaw flimkien u kien difficli li jkollhom relazzjonijiet intimi.

Il-konvenuta tammetti li l-minuri EB mhux wild tal-attur u ma ssib ebda oggezzjoni li ssiru t-tibdiliet necessarji fic-certifikat taz-zwieg. In sostenn u sabiex tissahhah dina l-prova, Dr.Marisa Cassar li zammet it-testijiet tad-DNA kkonfermat li l-attur mhux il-missier naturali u biologiku tal-minuri EB u

ghalkemm mhux l-unika prova necessarja, hija wahda mill-provi konlussivi ghad-denegata paternita'.

Kwantu ghall-posizzjoni tal-konvenut l-iehor FG il-Qorti ma tista' taghmel xejn. Il-Qorti tista' biss tikkunsidra l-posizzjoni tieghu fi hdan it-talbiet attrici, li huma talbiet limitati ghal dikjarazzjoni ta' denegata paternita' tal-istess attur. Ghalhekk, ghalkemm jista' jkun li FG huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri EB, il-Qorti ma tista' taghti ebda pronunzjament fuq dan, u ma setghet taghti ebda provvediment f'dan ir-rigward tul il- prosegwiment tal-kawza quddiemha.

Tenut kont tat-talbiet tal-attur u tal-provi mressqa, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet hekk kif imressqa minnu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li AB mhux il-missier naturali ta'EB;
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li jitnehhew kull referenza u dettalji tal-attur u minflok jigi ddikjarat bhala wild ta' "unknown father."

L-ispejjez ghandhom jibqghu a kariku tal-konvenuta CD.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**